REĠJUN ĊENTRU

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 29

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

Il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sa. Zoya Attard – Viċi Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici – Viċi Sindku San Ġwann
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sa. Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa kien preżenti s-sostituti ta' tas-Sliema, San Ġwann u Pietà minħabba li r-rappreżentanti uffiċċjali ma stegħux ikunu preżenti f'din il-laqgħa.

29.1.2 Il-President żied jgħid ukoll li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija x'tiġi ppreżentata f'din il-laqgħa.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 28 li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

29.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef.

## 29.3 Komunikazzjoni mill-President

29.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li kien ġie avviċinat mill-Fondazzjoni Temi Zammit sabiex japplikaw għal proġett taħt *Local4Green.* Dan il-proġett kien applika għalih r-Reġjun t'Għawdex però minħabba li dan ma kienx sar, il-fondi kienu għadhom disponibbli.

29.3.2 Hu żied jgħid kif peress li kien għad baqa madwar €800,000 dan ir-Reġjun applika biex ikun jistà jibbenifika minn dawn il-fondi. Hu żied jgħid li jekk dan il-proġett ikun approvat, dawn ir-rappreżenti għandhom jiġu jindirizzaw lill-membri waqt laqgħa tar-Reġjun sabiex jibdew isiru l-preparamenti neċessarji.

29.3.3 Il-President semma wkoll li ftit tal-ġranet qabel il-laqgħa kien ltaqà ma persuna li huwa *town planner* u li kien ħa ħsieb biex issir Palm City f'Dubai. Waqt din l-okkazzjoni huwa ppreżenta kopja tal-ktieb li kien ġie ippublikat minn dan ir-Reġjun lil dan is-Sinjur.

29.3.4 Il-President spjega kif dan it-*town planner* kien impressjonat bil-pubblikazzjonijiet b'mod speċjali l-knejjes li jinsabu f'dawn il-lokalitajiet u esprima x-xewqa li jkun hemm diskussjoni 'l quddiem sabiex wieħed jara x'proġetti jistgħu jsiru fuq skala Reġjonali. Aktar dettalji dwar dan ser jingħataw 'l quddiem.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

29.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

29.4.2 ***17:41pm – il-Viċi Sindku tal-Pietà, is-Sa. Zoya Attard, waslet għal din il-laqgħa.***

## 29.5 Rapporti

29.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

29.5.2 ***17:51pm – is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè, wasal għal din il-laqgħa.***

## 29.6 *Fondi taħt il-EUPA- Preżentazzjoni mis-Sur Brian Schembri*

29.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ fil-kamra lir-rappreżentant mill-EUPA, is-Sur Brian Schembri sabiex ikun jistà jindirizza lill-membri preżenti. Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li, fejn ikun possibli, dan ir-Reġjun ser ikun qed japplika għal fondi bħala Reġjun.

29.6.2 Is-Sur Schembri spjega kif l-applikant dejjem għandu jkun istituzzjoni u mhux individwu, u jekk l-applikazzjoni tkun f'isem numru ta' istituzzjoni taf isservi ta' vantaġġ.

29.6.3 Fil-preżent il-fondi li hemm huwa mmirati lejn l-impjegati ta' l-organizzazzjonijiet u jeżistu żewġ tipi. Wieħed huwa *mobility training* fejn it-taħriġ irid isir barra minn Malta u għal din ir-raġuni jrid ikun hemm *partner organisation* fejn wieħed ikun irid isib *partner*. L-oħra hija *vocational education* fejn ikun hemm *handson training* bħal *job shadowing* u *training placement*. S-Sur Schembri speja wkoll li d-*deadline* li jmiss hija fi Frar 2020 u għal din ir-raġuni min għandhu x-xewqa li japplika, huwa offra s-servizz tiegħu flimkien mal-kollegi tiegħu fl-EUPA.

29.6.4 Wara spjegazzjoni dettaljata mingħand is-Sur Schembri u wara li ġew irrisponduti l-mistoqsijiet mressqa mill-membri preżenti, il-President irringrazzja lis-Sur Schembri talli kien preżenti għal din il-laqgħa u nforma lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, ser tibgħat id-dettalji ta' kuntatt tas-Sur Schembri permezz ta' emejl għal min jixtieq jgħamel appuntament miegħu.

29.6.5 ***18:00pm – Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, skuża ruħu mill-laqgħa.***

## 29.7 *Achievers Grant Scheme – Preżentazzjoni mis-Sur Andre Debattista*

29.7.1 Il-President sejjaħ fil-kamra lir-rappreżentant mill-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentarti, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, is-Sur Andrew Debattista, dwar skema sabiex isiru proġetti li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-isport, l-arti, il-mużika, il-kultura jew attivitajiet oħra avventurużi. Dawn l-għotjiet huma mmirati lejn il-Kunsilli Lokali, Kunsilli Reġjonali u organizzazzjonijiet volontari reġistrati.

27.7.2 Il-President ippreżenta kopja tal-linji gwida dwar din l-iskema lil kull membru preżenti u ħalla lis-Sur Debattista jispjega fid-dettal x'kienet tinvolvi din l-iskema u anke wieġeb il-mistoqsijiet ta' kjarifa li tressqu mill-membri preżenti.

27.7.2 ***Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, skużat ruħha mill-kamra.***

## 29.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Kera tal-Garaxx***

29.8.1 Kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, il-President, informa lill-membri preżenti li kienet saret laqgħa bejn s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, flimkien ma' Dott. Dorian Sciberras u Dott. Angelo Micallef sabiex jiġi iffurmat kuntratt ma' sid il-kera tal-garaxx li jinsab f'Baħar iċ-Ċagħaq għal perjodu ta' tliet snin.

29.8.2 Is-Sur Fenech Adami kompla jispjega li kopja ta' dan il-ftehim kien ingħata lis-sid sabiex jieħu parir legali u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv u Dott Sciberras iltaqgħu mas-sid biex il-kontenut tal-kuntratt jiġi spjegat aħjar.

29.8.3 Waqt din il-laqgħa ġie miftiehem li l-kuntratt ikun miktub bil-Malti u eventwalment jiġi ffirmat. Aktar dettalji dwar dan jingħataw 'l quddiem.

- ***Sejħa ta' Offerti għas-Servizz ta' Accountant***

29.8.4 B'referenza għal dan is-servizz, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif is-sejħa fuq l-ePPS kienet ġiet konkluża u nfetħet għal perjodu ta' appell. Peress li ma kien hemm l-ebda appell imressaq, is-Segretarju Eżekuttiv għalqet din s-sejħa.

29.8.5 Il-President ipprona sabiex l-kuntrattur il-ġdid jibda s-servizz tiegħu mill-1 ta' Diċembru 2019 u matul dan ix-xahar l-Accountant li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent għandu jgħati *handover* u b'hekk il-kuntratt jintemm fl-aħħar ta' Diċembru.

29.8.6 Għal din ir-raġuni, huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinforma bil-miktub liż-żewg kumpaniji.

29.8.7 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Skema Numru 1/2019 – Skema ta' Għajnuna għall-Kunsilli Lokali fi żmien il-Milied*

29.8.8 Il-President ressaq fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-membri l-applikazzjonijiet li kienu ġew sottomessi mit-tlettax-il lokalità:

- Kunsill Lokali Ħal Lija –
  - €1,100 biex jitħallas kor u jinħareġ poster marbut ma' dan l-avveniment;
  - €500 biex jitella avveniment marbut mal presepju ħaj
  - €500 għall-armar tal-Milied fi Pjazza Trasfigurazzjoni
  - €100 għal ħlas ta' uffiċċjal tal-Komunita bbiex issir purċissjoni tal-mużew; u
  - €300 biex issir attivita tal-father Christmas u tqassim tar-rigali.

- Kunsill Lokali tas-Sliema – ħlas biex ikopri l-ispiża ta' armar tal-Milied fil-Pjazza Sant'Anna

- Kunsill Lokali Birkirkara – ħlas biex ikopri parti mill-ispejjez marbut ma' dawl tal-milied fit-toroq

- Kunsill Lokali San Ġwann – armar tal-milied fit-toroq

- Kunsill Lokali Msida – ħlas biex ikopri parti mill-ispejjez marbut ma' l-armar tal-Milied

- Kunsill Lokali Pietà – ħlas marbut ma' l-armar tal-Milied u spejjeż oħra ta' logistika fosthom servizzi ta' dawl u sistemi ta' dawl waqt avveniment;

- Kunsill Lokali San Ġiljan – Kunċert Amadeus Chamber Choir ġewwa l-Knisja parrokjali ta' San Ġiljan

- Kunsill Lokali Ħ'Attard – armar tal-Milied fit-toroq

- Kunsill Lokali Gżira – armar tal-Milied fit-toroq

- Kunsill Lokali l-Iklin – xiri/kiri ta' oġġetti u servizzi marbuta mal-Milied
- Christmas Flyer - €211.20
- Tiżjin fuq barra - €1,370.30
- Purċissjoni bil-Bambin - €545.50
- Father Christmas Iqassam ir-Rigali - €120.00
- Musical 'Il-Milied tal-Anġli' fil-Paroċċa - €400.00

- Kunsill Lokali Ħal Balzan - armar tal-Milied fit-toroq

- Kunsill Lokali ta' Xbiex – attività fit-22 ta' Diċembru 2019 li jinkludi żfin, kor, kantanti u stage bid-dawl, u posters. Armar tal-Milied fi Triq il-Prinċipessa Margerita.

- Kunsill Lokali Santa Venera – party tal-Milied għat-tfal ta' bejn il-5 u 15-il sena nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2019 fiċ-Ċentru Parrokjali ta' Santa Venera għat-tfal tal-lokalità, u tfal mill-istitut ta' San Ġużepp u l-istitut ta' Dar Qalb ta' Ġesu.

29.8.9 Dawn it-talbiet ġew approvati mill-membri preżenti b'mod unanimu.

- *Skema Numru 2/2019 – Skema ta' Għajnuna għall-Għaqdiet fil-Lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru*

29.8.10 Il-President ressaq fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-membri l-applikazzjonijiet li kienu ġew ippreżentati minn żewġ lokalitajiet:

- Kunsill Lokali Ħal Balzan –
  - Xiri ta' pavaljuni tal-festa għal Każin tal-Banda San Gabriel - €800
  - Xiri ta' pavaljuni tal-festa għal Każin tal-banda Filarmonika Marija Annunzjata - €800
  - Ħlas ta' parti mill-ispiża biex jiġi stampat *magazine* li jfakkar ir-rebħa tal-FA Trophy 2018-2019 - €400.00

- Kunsill Lokali Birkirkara – titħallas parti mill-ispiża sabiex saru xogħolijiet fil-kmamar tal-banju tal-iscouts.

29.8.11 Dawn it-talbiet ġew approvati b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Electric Van għar-Reġjun*

29.8.12 Il-President ressaq fuq il-mejda kopja tas-sejħa sabiex jinxtara *electric van* għar-Reġjun.

29.8.13 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, ressaq xi mistoqsijiet peress li l-Kunsill Lokali tiegħu wkoll jixtieq joħroġ sejħa simili però l-mudell tal-vettura huwa differenti minn dak li jixtieq ir-Reġjun.

28.8.14 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet għal mistoqsijiet imressqa, ġie deċiż li l-bord ta' evalwaturi kompost minn accountant, avukat, u persuna teknika għandha tiġi maħtura wara li din is-sejħa tiġi ippublikata fuq is-sistema ta' l-ePPS.

- *Servizz ta' Avukat għar-Reġjun*

29.8.15 Hekk kif kien ġie diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun preċedenti, il-President ressaq tliet kwotazzjonijiet għas-servizz ta' avukat għal perjodu ta' sena wara li nħarġet espressjoni ta' interess.

29.8.16 Il-President qal il-prezzijiet provduta u żied jgħid kif l-irħas kwotazzjoni preżentata minn Dott. Sladden pprovda klawsola li jrid jitħallas ta' ħamsin siegħa għal tnax-il xahar.

28.8.17 Is-Sur Fenech Adami spjega li jekk tinqabeż il-ħamsin siegħa fix-xahar, ma jkunx hemm ħlas addizzjonali.

28.8.18 Il-membri preżenti b'mod unanimu qablu li għandha tiġi ppruvata din is-sistema għal perjodu ta' sena.

- *Kuntratt ma' l-EMCS Ltd.*

28.8.19 Il-President għamel referenza għal kuntratt li dan ir-Reġjun għandu mal-kumpanija EMCS Ltd, u spjega li dan ir-Reġjun talab direzzjoni dwar dan mingħand id-Direttur (Monitoraġġ u Sapport), mis-Sur Chris Galea. Is-Sur Galea infurmana li dan ir-Reġjun ma jistax iġedded il-kuntratt li skada. Għal din ir-raġuni sar ftehim mal-kumpanija sabiex ikun hemm estenzjoni tas-servizz għal perjodu ta' erba' xhur. Ir-Reġjun għandhu jiddeċidi jekk jixtieqx ikompli joffri dan is-servizz billi jerġa joħroġ sejħa oħra u jiġi deċiż għal kemm perjodu – din is-sejħa għandha tinħareġ speċjalment peress li bir-riforma hija waħda mill-funzjonijiet.

28.8.20 Il-membri preżenti unanimament qablu li din is-sejħa għandha terġa tinħareġ. Jekk is-Sa. Pisani ma ssibx oġġezzjoni minħabba t-tul tal-proġett, il-ħlas ta' dan il-proġett ikun jistà jkompli jinħareġ mill-fondi mgħotija taħt l-ESC Plan. Madankollu, jekk din it-talba ma tiġix approvata, dawn il-fondi għandhom jinħarġu mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Reġjonali.

28.8.21 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, ippreżentat fuq il-mejda sejħa ta' offerti għal proviżjoni ta' servizzi għall-għajnuna lill-Kunsill tar-Reġjun Ċentrali u l-Kunsill Lokali fir-Reġjun sabiex jiksbu u jimmaniġġjaw b'suċċess il-programmi li għandhom jiġu ffinanzjati minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea u fondi lokali.

28.8.22 Il-President, is-Sur Fenech Adami, talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekja mad-DGL jekk il-kuntratt għandux ikun sa' Settembru 2022 peress li minn Ottubru 2022 ser ikun hemm presidenza ġdida fir-Reġjuni u jaf ikun hemm iż-żieda ta' sitt Regjun u b'hekk il-kompożizzjoni ma tibqax l-istess.

28.8.23 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fid-dokument tas-sejħa hemm nota fejn tgħid li minħabba r-riforma li daħlet fis-seħħ f'April 2019, jaf ikun hemm tibdil fil-kompożizzjoni però nfurmat lill-membri li qabel ma tippublika s-sejħa, ser titlob kjarika dwar il-perjodu mid-DGL.

– *Kunsill Lokali Ħal Lija*

28.8.24 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex is-somma ta' €1,734.60 jintnefqu mis-LES surplus sabiex jiġu nstallati *safety gates* fiċ-ċentru rekreattiv, Ħal Lija.

28.8.25 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- *Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni*

28.8.26 B'referenza għal dan il-finanzjament, il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019 dan ir-Reġjun ġie nfurmat permezz ta' emejl li l-applikazzjoni tar-Reġjun kienet ġiet aċċettata. Għal din l-iskema r-Reġjun ingħata l-ammont ta' €520.86. l-ispiża globali hija €720.92 u għal din ir-raġuni, r-Reġjun ikun irid joħrog il-kumplament tas-somma ta' €200.06

28.8.27 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- Direttiva Numru 5/2019 revoka tad-Direttiva Numru 4/2019 dwar il-Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali

28.8.28 Il-President ressaq fuq il-mejda din id-direttiva b'mod speċjali kif ir-Reġjun għandu jipprovdi servizzi klerikali lill-Kunsilli Lokali fi ħdan l-istess Reġjun.

29.8.29 Il-membri preżenti unanimament qablu li għandha tinħareġ sejħa għal impjegat/a fuq bażi full time u fuq skala 15 u jkun hemm speċifikament indikat li l-persuna ser tkun qed timxi minn Kunsill Lokali għall-ieħor skond il-ħtieġa.

- *Blinds fl-uffiċċju amministrattiv*

29.8.30 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex isiru żewġ blinds fl-uffiċċju tar-Reġjun.

29.8.31 Il-membri preżenti qablu li għandha ssir mingħand l-irħas offerta.

- *Notice Board*

29.8.32 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex tiġi installata notice board biex titpoġġa fl-entratura tal-bieb fl-uffiċċju amministrattiv.

29.8.33 Il-membri preżenti qablu li għandha ssir mingħand l-irħas offerta.

- *Project Coordinator*

29.8.34 Il-President ippreżenta fuq il-mejda tliet kwotazzjoni għal *project coordinator* biex jikkordina l-proġetti li qed jiġu organizzati taħt il-fondi mgħotija mill-ESC Plan.

29.8.35 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li għandha tingħata lill-orħos offerta li kienet mingħand Fundazzjoni Temi Zammit.

- *Ħarġa kulturali għal MUŻA*

29.8.36 B'referenza għal ħarġa kulturali għal MUŻA, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019, il-President spjega li dan ir-Reġjun organizza trasport għal tmien persuni (sitt persuni minn Ħ'Attard u tnejn minn Birkirkara) li għandhom is-*Senior Passaport* tal-Heritage Malta.

29.8.37 Għal din ir-raġuni, r-Reġjun ħa ħsieb jiprovdi is-Servizz ta' transport li ser jingħata mingħand Zarb Coaches għal prezz ta' €59.00.

29.8.38 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- *Reimborz tas-salarji mill-LESA*

29.8.38 Il-President informa lill-membri li s-salarji ta' Ottubru 2019 għadhom ma ġewx rifonduti lir-Reġjun minħabba li l-Accountant tal-LESA, is-Sa. Marisa Pisani qalet li l-onorarja tal-President u tas-Segretarju Eżekuttiv mhux ser jibqgħu jiġu rifonduti lura.

29.8.39 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għalkemm dan ġie diskuss waqt laqgħa fl-AKL, dan ir-Reġjun xorta waħda għandu jingħata direttiva mingħand id-Dipartiment. Għal din ir-raġuni ntbagħtu emejls lid-Direttur Ġenerali kif ukoll lid-Direttu tal-Monitoraġġ u Sapport però għadu ma ngħata l-ebda direzzjoni.

29.8.40 Aġġornament dwar dan ser isir fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Cultural Tour Programm 2020*

29.8.41 Il-President semma kif mill-fondi mgħotija mis-Surplus tal-LESA, wieħed mill-proġetti huwa li jsir Cultural Tour Programm 2020. Dan wara li waqt il-laqgħa mtella milL-AKL kienu ppromovu s-servizzi u l-ideat kif għandhom jiġu utilizzati l-fondi mgħotija. Għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun talab lil kull Kunsill Lokali sabiex jgħati lista ta' dati li huma diġa pjanat li jsir xi avveniment. Din intbagħtet permezz ta' emejl nhar l-20 ta' Novembru 2019.

- *Servizz mill-Bank*

29.8.42 Il-President spjega kif sabiex jintuża ċertu servizz mill-*internet banking,* bħal trasferiment tal-flus b'mod dirett, u peress li l-kont tar-Reġjun għandu żewġ firmatorji, rappreżentant mill-BOV bank infurmana li jkun jeħtieg *internet key* oħra sabiex kull transizzjoni tiġi approvata mit-tieni firmatorju.

29.8.43 Il-President żied jgħid kif għal din ir-raġuni jkun hemm bżonn l-approvazzjoni tal-membri waqt laqgħa tar-Reġjun.

29.8.44 Il-membri preżenti aċċettaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Social media*

29.8.45 Il-President spjega kif kien wasal iż-żmien biex ir-Reġjun jkun fuq il-mezzi soċjali – Facebook, Instagram, twitter, etc.

29.8.46 Dan is-suġġett ser jiġi diskuss aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

- *Tinda għall-entratura*

29.8.47 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex issir tinda fissa fl-entratura ta' l-uffiċċju amministrattiv.

29.8.48 Peress li l-ammont kien wieħed sostanzjali, il-President issuġġerixxa li jitressqu kwotazzjonijiet oħra minn postijiet oħra fil-laqgħa li jmiss.

29.8.49 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 29.9 Xogħol Vakanti – Clerk (Skala 15 – *Part Time); u Żewġ Uffiċjali Prinċipali (Skala 11 – Full Time)*

29.9.1 Il-President għamel referenza għal din il-vakanza li kienet ġiet ippublikata b'mod estern fil-gazzetta tal-Gvern, Times of Malta u l-indipendena nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2019. L-applikazzjonijiet kellhom jaslu sa mhux aktar tard mit-Tnejn 25 ta' Novembru 2019.

29.9.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif peress li daħħlu numru ta' applikazzjonijiet, dawn għandhom jiġu *short listed* u eventwalment isiru l-intervisti neċessarji.

29.9.3 Il-President għamel referenza għal dak li kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti sabiex żewġ impjegati jkunu jistgħu jitilgħu minn skala 13 għal skala 11.

29.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienu waslula żewġ applikazzjonijiet mill-impjegati tar-Reġjun, għalkemm id-data ta' l-għeluq kienet l-għada tal-laqgħa.

29.9.5 Il-President ressaq għall-approvazzjoni tal-membri li dawn għandhom jiġu approvati għal din il-progressjoni fl-iskala peress li dejjem preżentaw xogħol tajjeb ħafna.

29.9.6 Il-membri preżenti b'mod unanimu approvaw din ir-rakkomandazzjoni.

## 29.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.10.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 27A u 27B.

## 29.11 Mozzjonijiet

- *Aġġornament fuq il-Mozzjoni mressqa minn Dott Albert Buttigeg dwar l-iskart*

29.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li wara li l-laqgħa li kienet saret ma. Dott. Gavin Gulia nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019, dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda risposta mingħand Dott Gulia.

29.11.2 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li kien ġie infurmat li Dott. Gulia ma kienx ser jibqà iċ-Chairman fl-Awtorità tat-Turiżmu u kif minfloku ser ikun hemm is-Sur Johann Buttigieg.

29.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, ġibdet l-attenzjoni li Dott. Albert Buttigieg bagħat emejl nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2019 dwar dan is-suġġett sabiex Ħigi diskuss f'din il-laqgħa.

29.11.4 Il-President spjega kif peress ma kien hemm l-ebda rappreżentant mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan għal din il-laqgħa u peress li ħafna mill-membri ma setgħux jibqgħu preżenti għal din il-laqgħa, il-President talab lill-membri preżenti sabiex dan is-suġġett jiġi pospost għas-seduta li jmiss.

29.11.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 29.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 17 ta' Diċembru, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |